MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru 393/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**vs**
**Anthony Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijuba kontra **Anthony Attard** ta’ 41 sena, bin Peter u Penny *nee’* Farving, imwieled l-Awstralja nhar is-17 ta’ Frar, 1965, residenti 57, ‘No Fear’, Triq il-Licew, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 179186M;

Talli;

F’dawn il-Gzejjer, fid-9 ta’ Marzu, 2006, ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar (14:00hrs) gewwa Triq il-Kullegg, Mosta;

1. volontarjament hassar u/jew ghamel hsara f'mud guard tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBB 135 ghad-detriment ta' Josephine Zahra numru tal-karta tal-identita 318774M, liema amont jaqbez l-Hamsin Lira Maltin (Lm50);

2. ukoll talli fix-xhur ta' qabel uza apparat ta' telekommunikazzjoni ghall-ghanijiet li ma kienux dawk provduti ghalih u dan bi ksur tal-arikolu 35 (1) (d) ta' l-Att numru XXXIII tal-1997 u cioe' Att biex jirregola t-telekommunikazzjoni;

3. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded bi kliem lil Josephine Zahra;

4. ukoll talli fit-28 ta' Marzu, 2006, u xhur ta' qabel halla lil ibnu cioe Nico Attard ta' disa' (9) snin fil-bzonn, minhabba hajja bla qies;

5. ukoll talli fit-28 ta' Marzu, 2006 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (21:30hrs) seraq b'qerq jew seduzzjoni, persuna taht l-eta' ta' tmintax-il sena, li kein taht is-setgha ta' genitur taghha, billi naqas li jirritorna lil Nico Attard ta' disa' (9) snin lil omm it-tifel jigifieri Josephine Zahra, li ghandha l-kustodja ta' wliedha;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tordbot lil Anthony Attard b'obbligazzjoni li ma jersaqx lejn, jikkomunika ma, ma jingurjax jew jikkawza danni lil Josephine Zahra u li ma jhelliex fil-bzonn lil u jirritorna lil Nico Attard lil ommu.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fil-mori tal-kawza fuq l-ewwel akkuza kif ukoll ir-rinunzja tal-kwerelanta fuq l-akkzi l-ohra li dwarhom tiddikjara l-prorcediment esawrit;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni l-ewwel akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk isib lill-imputat hati taghha;

Rat l-artikolu 325 (6) tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm25.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------